MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 8/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Farrugia talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jikrsu l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Lulju 2010 u Awwissu 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Mariosa Farrugia u/jew lil uliedhom is-somma ffissata min dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-10 ta’ Jannar 2011 li permezz taghha, wara li rat l-artikoli 338 (z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Mario Farrugia hati u kkundannatu gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Mario Farrugia pprezentat fit-13 ta’ Jannar 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija, izda taghti sentenza aktar gusta u ekwa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant hu li l-ewwel Qorti m’ghamlitx aprezzament tajjeb tal-fatti. Jghid illi huwa ammetta li kellu jaghti bilanc ta’ €700 lill-mara tieghu u obbliga ruhu li jhallas dan l-ammont, izda kellu bzonn aktar zmien minhabba problemi finanzjarji. Skond l-appellant, saru sottomissjonijiet mill-*parte civile* li kienu se jaccettaw li jsir tali hlas u li ma kienx hemm bzonn ta’ piena karcerarja.

Fis-seduta tallum l-appellant hallas lil martu s-somma kollha dovuta ghax-xhur ta’ Lulju 2010 u Awissu 2010 biex b’hekk il-*parte civile* ma baqaghlhiex pretensjoni ulterjuri ghal dawk ix-xhur.

Issa, l-imputazzjoni dedotta mhijiex, min-natura taghha, rinunzjabbli. Izda, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta’ Lulju 2003 u f’diversi sentenzi sussegwenti:

**“l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament.”**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal gimgha detenzjoni u minflok tikkundannah ghall-hlas ta’ *ammenda* ta’ tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23), u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------